MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1975/1999/1

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u
l-Prim Ministru**

**v.**

**Joseph Rizzo**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim Ministru minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru, 2000. Pero` l-kawza ssib l-origini taghha f'decizjoni moghtija fis-16 ta' Marzu, 1999 mit-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji[1]. Quddiem dan it-Tribunal l-allura Supretendent Joseph Rizzo kien ilmenta bazikament li huwa kien sofra ingustizzja meta ghal aktar minn darba kien inqabez ghal, u ghalhekk ma inghatax il-kariga ta', Assistent Kummissarju tal-Pulizija meta kienu saru promozzjonijiet ghal dik il-kariga. It-Tribunal imsemmi, bid-decizjoni tas-16 ta' Marzu, 1999, kien sab l-ilment tieghu gustifikat u kien iddecieda hekk:

***"Isib l-ilment gustifikat u jirrikmanda li jinghata rimedju kompensattiv billi r-rikorrent jigi promoss ghal Assistent Kummissarju b'effett retroattiv u li jithallas s-salarju lilu dovut konfacjenti ghal dan ir-rank. Jekk ma jinghatax is-salarju dovut ghandu jinghata hlas ta' kumpens ta' hamest elef lira".***

Decizjoni tat-Tribunal in kwistjoni hija finali u minnha ma hemmx appell (Art. 7(9)(e), Kap. 394). Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru, pero`, pprocedew per via ta' *judicial review* billi b'citazzjoni datata 10 ta' Settembru, 1999 talbu lill-Prim Awla

***1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tas-16 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet "Supretendent Joseph Rizzo v. Kummissarju tal-Pulizija" (Rikors 6/97) hija*** **ultra vires** ***il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal billi tivvjola kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Att VIII tal-1997 u ghax hija fi kwalunkwe kaz inesegwibbli, in kwantu ordnat li ssir promozzjoni ghall-grad ta' Assistant Kummissarju tal-Pulizija minn persuni li m'ghandhomx il-poter Kostituzzjonali li jaghtu tali promozzjoni minghajr ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku; u***

***2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji jew*** **in toto** ***jew, alternattivament fil-kaz li l-Qorti ssib li ma jkunx il-kaz li d-decizjoni tigi annullata, imhassra jew revokata*** **in toto*****, thassar, tirrevoka u tannulla l-istess decizjoni tat-Tribunal biss***

[1] Imwaqqaf bl-Att VIII ta' l-1997, illum Kap. 394.

***in kwantu esorbitat mill-poteri tat-Tribunal taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att VIII tal-1997.***

Ir-ragunijiet moghtija mill-atturi (illum appellanti) Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru ghal tali talbiet jistghu jigu sintetizzati hekk:

a. l-ordni biex Joseph Rizzo jigi promoss ghal Assistent Kummissarju kien jivvjola l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni billi hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biss li ghandha l-poter li tirrakkomanda tali promozzjoni;
b. id-decizjoni tat-Tribunal tivvjola wkoll l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ghax implicitament taghti direttiva dwar kif il-Kummissjoni msemmija ghandha tagixxi u dwar il-mod kif il-Prim Ministru ghandu jagixxi in relazzjoni ma' l-istess Kummissjoni;
c. id-decizjoni tat-Tribunal marret oltre l-kompetenza ta' l-istess Tribunal skond l-Artikolu 7(9)(b) tal-Kap. 394 ghax ma haditx in konsiderazzjoni "…il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew ommissjoni li fuqu" kien imsejjes l-ilment;
d. id-decizjoni kienet ukoll oltre l-kompetenza tat-Tribunal peress li inghatat in vjolazzjoni tal-ligi in kwantu irrakkomandat "rimedju kompensattiv" minghajr ma qieset jekk dak ir-rimedju kienx "b'gharfien tal-ligijiet, regolamenti, u disposizzjonijiet ta' l-Estacode" li kienu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni;
e. id-decizjoni marret ukoll oltre l-kompetenza tat-Tribunal in kwantu irrakkomandat kemm "rimedju kompensattiv" skond l-Artikolu 7(9)(c) kif ukoll hlas skond l-Artkolu 7(9)(d) "minghajr ma l-hlas tal-kumpens jeskludi kompletament ir-rimedju kompensattiv kif huwa mehtieg bl-istess Att [VIII/1997]"; u
f. id-decizjoni tat-tribunal hija nulla billi hija inesegwibbli u dan peress li ma huwiex fil-poter Kostituzzjonali tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim Ministru li jaghtu l-promozzjoni rakkomandata minghajr ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-19 ta' Novembru, 1999 il-konvenut appellat kien, bazikament eccepixxa li t-

talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; pero` ghadda wkoll biex jaghti in linea preliminari l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici kienet improponibbli peress illi l-atturi kienu “irrinunzjaw ghad-dritt ta’ l-impunjattiva” peress li huma kienu hallsu d-drittijiet u l-ispejjez kollha tal-kawza quddiem il-Tribunal.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, bid-decizjoni taghha tat-3 ta’ Ottubru, 2000, laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Rizzo – u ghalhekk anke l-eccezzjoni li l-azzjoni kienet improponibbli minhabba l-hlas li kien sar tal-ispejjez tal-kawza quddiem it-Tribunal – u cahdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi[2], u dan ghar-ragunijiet segwenti:

***“A.*** *“Judicial Review”*

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza istitwita mill-attur titratta dwar ezercizzju ta’ *judicial review* minn decizzjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji stabilit bl-**artikolu 3 tal-Att Numru VIII tal-1997,** u din il-kwalita` ta’ azzjoni hija permessibbli li ssir anke fl-isfond tal-gurisprudenza nostrali fosthom dak enuncjat fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta’ Mejju1993 fl-ismijiet **“Dottor Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima”** (Vol. LXXVII. Ii. 292) u **“Wilfred Privitera vs Anthony Bonello”** (11 ta’ Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista’ jinghata b’ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *“pero’ limitatament ghall-tlett kategoriji ta’ difetti - (a) eccess ta’ gurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta’ l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta’ xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja”.*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **“Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et”** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’

[2] Fis-sentenza li kopja legali taghha tinsab fil-process jinghad “Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur”; hu evidenti li l-ahhar kelma kellha tkun “atturi”, fil-plural, u li dan hu semplici *lapsus calami*.

Mejju 1987 (Vol. LXXI. Iii. 688) fejn wara li l-istess Qorti stabbilit illi t-Tribunal Industrijali ma huwiex *"qorti"* fit-termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, ikkonfermat illi il-Prim'Awla ghandha gurisdizzjoni doppja fuq l-istess Tribunal u cioe` li tara li dan l-istess organu gudizzjarju jimxi skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi, u b'hekk ma jesorbitax il-kompetenza tieghu, u wkoll li l-istess Tribunal jimxi skond il-Kostituzzjoni u b'hekk ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi b'hekk ukoll l-istess sentenza irribadiet dak li ntqal fis-sentenza **"V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar u s-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985) u cioe` li l-fatt li awtorita' gudizzarja ghandha kompetenza esklussiva f'certu materja, u anke fil-kazijiet fejn l-iskrutinju tal-Qorti huwa prekluz milli jezamina jekk tali awtorita bhal Public Service Commission qdietx il-funzjoni taghha, xorta l-istess Qorti ghandha kompetenza li tara li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma gewx mittiefsa, u li tali Awtorita' agixxiet fil-parametri taghha skond il-ligi. Illi fuq kollox dan kollu huwa wkoll sancit fl-**artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni** in konnessjoni ma awtoritajiet hemm kostitwiti, bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk *multo magis* l-istess principji japplikaw ghall-Tribunali kostitwita b'ligi *ad hoc.*

**B.** <u>IL-POTERI TAT-TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI SKOND L-ATT VIII TAL-1997.</u>

Illi skond l-**artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997**, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ghandu is-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn kull individwu li jallega li jkun garrab ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklussjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha iggarrab, b'xi azzjoni mehuda mill-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi skond kif provdut **fl-Artikolu 2** tal-istess Att dwar :-

(a) hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul ta' impjieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Illi imbaghad skond l-**artikolu 7 (9) (b)** jinghad li:-

*"Fid-decizzjoni tieghu, it-Tribunal jaqta' dwar jekk ikunx gustifikat u sabiex jasal ghal dik id-decizzjoni ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment";*

*(c) Meta it-Tribunal jaqta' li lment ikun gustifikat kollu kemm hu jew f'parti minnu, dan ghandu bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv, b'gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estadcode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni.*

*(d) Meta skond il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode ma jkunx possibbli li it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista' jirrakomanda li jsir hlas ta' kompens li fl-ebda kaz m'ghandu jaccedi l-ammont ta' hames t'elef lira Maltija".*

Illi imbaghad **is-subartikolu (11) tal-istess artikolu 7** jipprovdi li "*jkun dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomdazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi l-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet".*

Illi minn dawn il-provedimenti jidher car li d-decizzjonijiet tal-istess Tribunal ma humiex esegwibbli *per se* u mill-istess Tribunal, izda huma rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu implimentati mill-Prim Ministru.

**C.** ID-DECIZZJONI TAL-ISTESS TRIBUNAL TAS-16 TA' MARZU 1999.

Illi id-decizzjoni tal-istess Tribunal, li di piu' tinsab esebita bhala Dok. A a fol. 7 tal-process, iddisponiet li l-ilmenti tal-konvenut odjern kienu gustfikati fis-sens li huwa kien soffra ingustizzja meta gie eskluz mill-promozzjonijiet li nghataw fil-perjodu ta' bejn Settembru 1988 u Frar 1990 ghall-post ta' Assistent Kummissarju, meta l-istess konvenut kellhu l-kwalitajiet tajba necessarji ghal tali posizzjoni, u ghalhekk irrakkomandat li jinghata rimedju kompensattiv billi r-rikorrenti jigi promoss ghall-Assistent Kummissarju b'effett retroattiv u li jithallas is-salarju lilu dovut konfacenti ghal dan ir-rank. Jekk ma jinghatax is-salarju dovut ghandu jinghata hlas ta' kumpens ta' hames t'elef lira. Spejjez kontra l-intimat.

**D.** ID-DECIZZJONI U L-ARTIKOLU 110 TAL-KOSTITUZZJONI.

Illi hawn wiehed jidhol fil-mertu tal-azzjoni attrici fejn l-istess attur qed jikkontendi li d-decizzjoni tat-Tribunal tal-Ingustizzji tas-16 ta' Marzu 1999 fil-kaz fl-isimijiet **"Supretendent Joseph Rizzo vs Kummissarju tal-Pulizija"** huwa null u bla effett stante li d-decizzjoni tal-istess Tribunal li sostniet illi r-rikorrenti ghandu jinghata rimedju kompensattiv billi jigi promoss b'effett retroattiv ghall-Assistent Kummissarju u jithallas is-salarju lilu dovut konfacenti ghal dak il-grad, u li ma jithallasx is-salarju dovut ghandu jinghata hlas ta' kumpens ta' hames t'elef lira Maltija (Lm5,000), stante li tmur kontra l-Kostituzzjoni, hija *ultra vires* il-poteri taghha taht l-Att VIII tal-1997, ivvjolat il-ligi, u ma segwietx il-proceduri tal-ligi.

Illi fil-fatt fl-istess citazzjoni attrici gie sostnut li dik il-parti tas-sentenza tal-istess Tribunal fejn ordnat li l-konvenut jigi promoss ghall-Assistent Kummissarju hija kontra **l-Artikolu 110 tal-istess Kostituzzjoni**, stante li skond l-attur bl-istess artikolu hadd hlief l-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku ma jista' jirrakomanda lill-Prim Ministru li jsiru hatriet fis-settur pubbliku.

Illi tenut kont tal-fatt ta’ dak li hemm stipulat fl-**artikolu 7 (9) (c) tal-Att tal-1997** flimkien mal-**artikolu 7 (11) tal-istess Att** jidher car li dak li jkun qed jaghmel it-Tribunal fid-decizzjoni tieghu huwa li jirrakomanda lill-Prim Ministru x’passi ghandhom jittiehdu sabiex jigi raddrizzat u/jew kompensat ir-rikorrenti ghall-ingustizzja li jkun soffra, u minn naha tieghu il-Prim Ministru filwaqt li ghandu id-dmir jimplimenta l-istess rakkondazzjonijiet, ghandu jistabilixxi l-proceduri mehtiega u jaghti id-direttivi mehtiega sabiex jigu mwettqa tali rakkomandazzjonijiet.

Illi in fatti skond OPM Circular No. 4/98 datata 28 ta’ Jannar 1998 (fol. 69) giet stabilita procedura mill-*Management and Personnel Office* (MPO) fl-ufficju tal-Prim Ministru sabiex tali rakkomandazzjonijiet jigu mplimentati almenu fejn l-istess rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal jitqiesu li huma *feasable.*

Illi fil-fatt in konformita’ mal-istess cirkolari l-attur odjern ircieva ittra datata 29 ta’ Marzu 1999 sabiex l-istess rakkomdazzjoni tat-Tribunal tigi implimentata ai termini tal-istess cirkolari, u min-naha tieghu l-attur sostna bl-ittra tieghu tat-13 ta’ April 1999 li huwa ma setghax jimplimenta l-istess decizzjoni stante li skond il-*Management and Efficiency Unit* fir-rapport taghha li jikkoncerna il-*Modernisation Programme for the Force”* kien issuggeriet illi l-Assistenti Kummissarji kellhom ikunu hamsa, li mbaghad saru sebgha (7) fuq insistenza tal-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien. Illi ghalhekk l-istess attur ikkonkluda billi qal li *“unless I am directed to increase the number of Assistant Commissioners to eight I cannot impliment the Tribunbal’s raccomendation so far as the promotion is concerned”.*

Illi ma jidhirx mill-process li saret korrispondenza ohra bejn l-Ufficju tal-Prim Ministru u l-istess attur u ma jidhirx li saret procedura sabiex tali rakkomandazzjoni tigi mplimentata, hlief li l-ispejjez tal-istess kawza thallsu mill-attur lill-konvenut fil-21 ta’ Mejju 1999 (fol. 74), anzi jidher li saru diversi atti giudizzjarji dejjem sussewgenti ghall-

istess pagament tal-ispejjez, fejn tali sentenza giet attakata, liema atti ikkulminaw f'din il-kawza odjerna.

Illi dwar dan l-ewwel lamentela tal-attur, jinghad illi bl-ebda mod ma jirrizulta li l-istess Tribunal mexa kontra id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni**, meta ta' r-rakkomandazzjoni tieghu dwar il-promozzjoni tal-konvenut. Illi din ma saritx **ad eskussjoni** tal-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u dan stante li sabiex tigi implimentata l-istess rakkomandazzjoni necessarjament u *ai termini* tal-istess **Artikolu 110** din ghandha issir mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u ma hemm xejn fl-istess sentenza li tinibixxi u jew twaqqaf b'xi mod lill-istess Kummissjoni li taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha.

Illi tant huwa minnu dan li b'ittra taghha tal-14 ta' Lulju 1999 (fol. 49), l-istess Kummissjoni informat lill-konvenut, li hija setghet biss tikkonsidra il-kaz tieghu dwar l-istess promozzjoni hemm rakkommandata fis-sentenza illum impunjata jekk din tigi riferita lilha mill-Kap tad-Dipartiment koncernat flimkien ma verifika minghand is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru.

Illi allura jidher car li l-funzjoni tal-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma giet mittiefsa ghaliex xorta ghadha libera li taghmel ir-rakkomandazzjonijiet necessarji u li jidhrilha opportuni skond il-Kostituzzjoni u ma hemm ebda restrizzjoni ghaliha fil-kompitu taghha moghti lilha bl-istess Kostituzzjoni. Il-fatt li l-istess Kummissjoni sallum ghada ma agixxietx ma kienx minhabba id-disposizzjonijiet tad-decizzjoni tal-istess Tribunal, izda sempliciment ghaliex il-kaz ma giex riferit lilha mill-persuni indikati li jaghmlu dan, kif l-istess korrispondenza citata tas-17 ta' Lulju 1999 tghid kjarament.

Illi ma hemm l-ebda dubju li fl-isfond tal-premess, id-disposizzjonijiet tal-**Att VIII tal-1997 u l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni** jistghu u fil-fatt qed jesiztu flimkien, u fil-fatt

l-attur ma huwiex qed jilmenta li l-istess Att immur kontra il-Kostituzzjoni u senjatament **l-artikolu 110** appena citat.

Illi dan qed jinghad anke fl-isfond ta’ dak kontenut fl-**artikolu 6 (1) (a) (b) u l-artikolu 7 (9) (b) tal-istess Att tan-1997**, stante li meta l-legislatur ipprovda li dan it-Tribunal ghandu *inter alia* jinvestiga ilmenti minn individwi u dan jinkludi ufficjali pubblici dwar ingustizzji li allegatament soffrew f’hatriet u promozzjonijiet u jipprovdi li it-Tribunal ghandu jaghti, jekk l-ilment huwa gustifikat rimedju kompensattiv jew *redress in kind,* certament li f’kazi simili tali kumpens rimedjali ma jistax ikun hlief rakkomandazzjoni li tinghata l-istess promozzjoni; u dan li fil-fatt it-Tribunal ghamel fis-sentenza tieghu rakkomandatorja.

Illi pero` dan ma jfissirx li b’hekk il-funzjoni tal-istess Kummissjoni giet esklussa, stante li ma hemm xejn la fil-ligi, u wisq anqas fl-istess sentenza, li l-procedura u s-salvagwardji fl-artikolu appositu tal-Kostituzzjoni jigi segwit bil-liberta’ kollha u adoperati in pjen.

Illi di piu` mill-atti processwali lanqas jidher li b’xi mod ingabet xi prova li f’xi ligi hemm li in-numru ta’ Assistenti Kummissarji ghandu jkun wiehed fis, anzi pjuttost jidher il-kuntrarju u cioe` li din hija decizzjoni purament esekuttiva, li tinbidel skond ic-cirkostanzi taz-zmien u skond il-policy tal-esekuttiv, kif l-istess attur spjega b’mod l-iktar car fl-ittra tieghu tat-13 ta’ April 1999.

Illi ghandu hawn jigi emfasizzat illi l-attur bl-ebda mod ma huwa jikkontesta li d-decizzjoni fil-meritu li inghatat mit-Tribunal, fejn gie deciz li l-konvenut soffra ingustizzja meta ma giex ikkonsidrat ghall-promozzjoni ta’ Assistent Kummissarju. Illi li qed jigi kontestat biss huwa ir-rimedju kompensattiv li gie rakkomandat fl-istess sentenza.

**E.** <u>D-DECIZZJONI U L-ARTIKOLU 115 TAL-KOSTITUZZJONI.</u>

Illi l-istess attur qed isostni wkoll li tali rakkomandazzjoni li l-konvenut jinghata promozzjoni retro attiva tmur kontra l-

**artikoli 115** tal-Kostituzzjoni, stante li hija implicitament direttiva dwar il-mod kif il-Kummissjoni ghandha tagixxi u wkoll dwar il-mod kif il-Prim Ministru ghandu jagixxi in relazzjoni mal-istess Kummissjoni.

Illi dwar din il-lamentela attrici ghandhom japplikaw l-istess argumenti fuq migjuba, stante li jidher car li l-procedura quddiem il-Kummissjoni tal-Ingustizzji u dik quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku huma ghal kollox ben separati u distinti minn xulxin, u bl-ebda mod ir-rakkommandazzjoni tat-Tribunal ma timpingi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt l-istess Tribunal ma ghandu u ma ttenta lanqas minimament li jinfluwixxi fuq l-operat tal-istess Kummissjoni, u huwa ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, kif tenut bil-ligi fid-decizzjoni tieghu, u *ex lege* dawn gew trasmessi lill Prim Ministru ai termini ta' **artikolu 7 (10) tal-istess Att tan-1997.** Jekk l-attur min-naha l-ohra qed jittanta jikkontesta l-validita' tal-istess artikoli inkluz **l-artikolu 7 (11)** mela certament dan ma huwiex il-mod kif dan issir; pero' it-Tribunal skond il-ligi vigenti tramite ir-Registratur tieghu kellu jinforma lill-Prim Ministru bid-decizzjoni tieghu, u fil-fatt l-Ufficju tal-Prim Ministru, konxju tal-istess artikoli, hareg ic-cirkolari fuq riferita tat-28 ta' Jannar 1998, fejn giet stabilita procedura sabiex tali rakkomandazzjonijiet, skond ic-cirkolari, *meta possibbli,* jigu implimentati, u fejn le jew *mhux fattibbli* tinghata spjegazzjoni ghaliex mid-Dipartiment koncernat.

Illi dan juri bic-car li l-allegazzjonijiet tal-attur anke f'dan ir-rigward ma humiex sostenibbli, u certament li it-Tribunal ukoll taht dan l-aspett agixxa fil-kompetenza tieghu ai termini tal-Att kostitwittiv, apparti li kull riferenza ghall-**artikolu 115** hija vermanent superfluwa in vista ta' dak li fuq inghad.

**F.** L-ARTIKOLU 7 (9) (B) TAL-ATT VIII TAL-1997.

Illi taht dan l-aspett l-attur qed isostni illi d-decizzjoni tat-Tribunal hija nulla ghaliex l-istess Tribunal ma qiesx il-ligijiet *etc*. li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew ommissjoni li

fuqu jkun msejjes l-ilment u dan kontra l-**artikolu 7 (9) (b) tal-istess Att.**

Illi l-istess subartikolu jirreferi biss dwar id-decizzjoni jekk l-ilment kienx gustifikat jew le, u mkien mill-provi u sottomissjonijiet prodotti ma jirrizulta li l-attur b'xi mod ikkontesta id-decizzjoni impunjata, dwar dan il-punt, u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan l-ilment huwa ghal kollox bla ebda bazi legali u fattwali.

Illi dwar dan il-punt jinghad ukoll li l-attur bl-ebda mod ma indika ghall-liema disposizzjonijiet tal-ligi qed jirreferi ghalihom, u li skond hu l-istess Tribunal ma hax konjizzjoni taghhom;  di piu` jekk l-istess attur qed jippretendi li it-Tribunal kellu jirreferi ghad-disposizzjoni *ad hoc* tal-ligi li fuqha bbaza d-decizzjoni tieghu, certament li dan ma huwiex rikjest la fil-kamp civili u lanqas bl-**Att VIII tal-1997**, u certament il-fatt li ma tigix specifikata ligi *ut sic* ma timportax in-nullita' tal-istess decizzjoni. Illi ghalhekk anke din il-lamentela qed tigi respinta.

**G.** <u>L-ARTIKOLU 7 (9) (C) TAL-ATT VIII TAL-1997.</u>

Illi l-attur hawn qed isostni li it-Tribunal ma hax konsiderazzjonijiet tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estacode meta irrakomandat illi l-konvenut jigi promoss ghall-grad ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija meta ma hemmx vakanza f'dak il-grad, u ghalhekk d-decizzjoni marret kontra id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 (9) (c) tal-istess Att.**

Illi hawn l-attur, nonostante ttrattazzjoni estensiva ma indikax ghal liema ligi jew regolament jew disposizzjoni qed jirreferi u dan kien oneru tieghu li jaghmlu, la darba qed jaghmel huwa stess din l-allegazzjoni. Ma jrrizultax lanqas li n-numri ta' Assistenti Kummissarji huma b'xi mod ristretti b'ligi, u ghalinqas jinghad li bl-ebda mod tali ligi ma giet citata jew individwata, la f'din il-procedura u lanqas f'dik quddiem l-istess Tribunal, u ghalhekk lanqas dan l-ilment ma jista' jkun gustifikat, anzi jidher li huwa kompletament bla ebda bazi legali u fattwali, anke a bazi

tal-ispjega tal-istess attur, ta' kif zdiedu l-istess Assistenti Kummissarji fil-passat.

**H.** L-ARTIKOLU 7 (9) (D) U 7 (9) (C).

Illi hawn l-attur qed isostni li d-decizzjoni kienet oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante li tat kemm rimedju kompensattiv skond **artikolu 7 (9) (d)** u wkoll hlas ta' kumpens ai termini tal-**artikolu 7 (9) (c)tal-istess Att tan-1997,** meta l-hlas ta' kumpens jeskludi skond l-istess Att rimedju kompensattiv.

Illi l-attur kien forsi jkun gustifikat f'dan l-ilment kieku it-Tribunal ta' kemm rimedju kompensattiv u hlas ta' kumpens li jkopri ir-rimedju kompensattiv kollhu, bhal per ezempju promozzjoni retro-attiva u hlas ta' paga, **u** wkoll hlas ta' kumpens ulterjuri, pero' certament li l-istess Tribunal mhux hekk ghamel.

Illi fil-fatt fid-decizzjoni tieghu l-istess Tribunal ta' rimedju kompensattiv ta' promozzjoni retro-attiva flimkien mal-hlas tad-differenza tal-paga bejn Supretendent u Assistent Kummissarju ghall perjodu relattiv, u llimita l-hlas ta' kumpens ghas-somma ta' Lm5000 f'kaz li tali differenza fis-salarju ma tithallasx, u b'hekk ipprovda hlas ta' kumpens ghall-parti biss tar-rimedju kompensattiv u bhala *alternattiva ghall-istess*.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti id-disposizzjonijiet fuq accenati ma jidhrux li jeskludu lil xulxin, hlief ovvjament meta r-rimedju kompensattiv u il-hlas ta' kumpens ikun identici jew dupplikati, b'mod li r-rikorrenti jiehu b'hekk id-doppju tal-kumpens identiku, cioe` kemm rimedju kompensattiv (l-oggett) u l-hlas jew valur tal-istess (korrispettiv) bhal fl-ezempju appena migjub minn din il-Qorti.

Illi anke harsa lejn l-istess **subartikoli (c) u (d)** juri li fl-ewwel wiehed hemm riferenza ghall-iehor, tant li jinghad li *bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv.* Illi certament li dan il-kliem ma jeskludix li jinghata kemm

rimedju kompensattiv, u jekk dan ma jkunx possibbli li jigi attwat kollu jew parti minnu, rimedju ta' hlas ta' kumpens ghal dik il-parti li ma setghetx jew ma tigix attwata. Illi dak li huwa prekluz huwa hlas jew kumpens doppju tal-istess haga. Illi dan ma huwiex il-kaz odjern, stante li l-hlas ta' kumpens inghata biss jekk l-konvenut ma jithallasx tad-differenza fis-salarju fil-gradi indikati u mhux iz-zewg hlasijiet.

**I.** ID-DECIZZJONI MA HIJIEX ESEGWIBBLI.

Illi l-attur hawn qed isostni li tali decizzjoni hija nulla ghaliex ma hijiex esegwibbli stante tali promozzjoni tinghata mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku skond il-Kostituzzjoni u mhux mill-atturi.

Illi fl-ewwel lok assulutament ma giex ippruvat li tali rakkomandazzjoni ma hijiex esegwibbli, fis-sens li tali rakkomandazzjoni ma tistax tigi implimentata mill-Awtoritajiet kompetenti. Illi l-procedura u l-istituzzjonijiet ilkoll jezistu, u salv l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-istess awtoritajiet applikata fit-terrmini tal-ligi ma jidhirx li hemm xi haga li hija impossibbli. Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza kemm ghax-xhieda tal-istess attur fejn sostna li huwa ma agixxiex ghaliex ma kellhux direttiva mill-*MPO* biex izid in-numri tal-Assistenti Kummissarji, kif ukoll ghall-ittra tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku tas-17 ta' Lulju 1999, fejn sostniet illi l-kaz jista' jigi kkunsidrat *"jekk rakkomandazzjoni tigi riferita lilha mill-Kap tad-Dipartiment koncernat flimkien mal-verifika minghand is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru".* Minn dan certament ma jirrizultax li d-decizzjoni hija inesegwibbli u ma jidhirx il-bzonn li wiehed ghandu jikkumenta izjed fuq dan.

Illi dwar il-punt li din id-decizzjoni ma tistax tigi attwata mill-attur, wiehed jirreferi ghall-**artikolu 7 (11) tal-istess Att tan-1997** fejn skond l-istess jinghad illi *"jkun fid-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-*

*rakkomandazzjonijiet”* u ghalhekk certament li dak allegat mill-attur huwa legalment u fattwalment inkorrett.

Illi dan apparti il-fatt li anke jekk decizzjoni tista’ tkun inesegwibbli objettivament, dan certament ma jfissirx u lanqas isegwi li b’daqshekk is-sentenza jew decizzjoni hija nulla.

**J.** KONSIDERAZZJONIJIET ULTERJURI.

Illi jinghad ukoll li hija stramba hafna kif l-ebda punt minn dawk fuq imressqa, ma tressaq mill-attur fit-trattazzjoni tal-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Ingustizzji, u dan specjament tenut kont tal-fatt li l-istess konvenut mill-ewwel talab fir-rikors promottorju li jigi promoss retroattivament, u l-eccezzjoni hemm moghtija li r-rimedju rikjest huwa *“extra muros”,* certament ma kienitx sufficjenti, tenut kont tal-fatt li dawn l-allegati lanjanzi kwazi kollha setghu ingabu mill-attur fil-istess istanza.

Illi din il-Qorti xorta ezaminat l-istess lanjanzi kollha fid-dawl tal-kuncett tal-*judicial review,* anke peress din il-Qorti thoss, li tali nuqqas tal-attur fl-istanza l-ohra ma jistax jigi interprettat li huwa rrinunzja ghall-vantazzjonijiet tieghu taht dan l-aspett guridiku. Illi *di piu’* jekk decizzjoni tkun inghatat oltre il-kompetenza tat-Tribunal li minnu originat, xorta tibqa’ annullabbli u ghandha tigi annulata; ovvjament dan ma huwiex il-kaz odjern.

Illi l-posizzjoni hija differenti dwar il-punt imressaq mill-konvenut li l-azzjoni hija improponibbli stante li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt ta’ impunjattiva galadarba huma akkwiexxew ghall-istess gudikat billi hallsu l-ispejjez u id-drittijiet kollha tal-kawza, ghaliex din il-Qorti hija tal-opinjoni, li tali eccezzjoni tal-konvenut ghandha wkoll tigi milqugha, stante li huwa principju generali tal-ligi, li wiehed ghandu jaghzel it-tragitt tieghu giudizzjarju, u ma jistax jekk jaqbad linja, jmmur huwa stess kontra taghha. Fil-fatt huwa guridikament inkoncepibbli li wiehed isostni li sentenza hija nulla, u fl-istess waqt jaghti bidu ghal esekuzzjoni taghha jew jesegwixxi parti minnha bla almenu ma jaghmel riserva tal-posizzjoni li jista’ jiehu.

Illi dan jidher li huwa iktar serju f'dan il-kaz, fejn l-attur qed jitlob li tigi annulata sentenza b'citazzjoni presentata fil-10 ta' Settembru 1999, meta biss ftit xhur qabel u cioe` fil-21 ta' Mejju 1999 huwa esegwixxa w addirixxa ruhhu mal-istess sentenza rigwardanti l-ispejjez tal-kawza, li d-decizzjoni dwarhom ittiehdet certament a bazi tar-rakkomandazzjonijiet hemm indikati, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward din l-azzjoni tal-attur hija mproponibbli, stante li giet pregudikata mill-istess attur anke qabel l-istituzzjoni taghha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Ir-rikors ta' appell taghhom bazikament jirriproduci l-istess ragunijiet migjuba fic-citazzjoni ghala t-talbiet taghhom ghandom jintlaqghu. Il-konvenut appellat ukoll baqa jsostni li l-azzjoni kienet improponibbli minhabba l-hlas li kienu saru ta' l-ispejjez tal-kawza quddiem it-Tribunal. Fir-risposta tieghu il-konvenut appellat jirreferi b'analogija ghall-Artikolu 228(1) tal-Kap. 12 li jghid testwalment *"M'hemmx appell mis-sentenzi moghtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taccetta bir-rinunzja ghall-appell jew* *<u>billi toghod ghal dak li tkun qatghat is-sentenza</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa, ghalhekk, baqa' jinsisti anke quddiem din il-Qorti li l-effett tal-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza quddiem it-Tribunal kien igib bhala konsegwenza li il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru ma setghux jipproponu l-azzjoni odjerna.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

1. Tajjeb li wiehed, qabel xejn, jara fejn il-partijiet qeghdin jaqblu, jew, biex wiehed ikun aktar preciz, fejn ma hemmx kontestazzjoni. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li d-decizjoni tat-Tribunal hija inappellabbli. Anqas hemm kontestatzzjoni dwar is-setgha tal-Prim Awla u ta' din il-

Qorti li jirrevedu – fis-sens li jipprocedu ghal *judicial review* – l-operat tat-Tribunal imwaqqaf taht il-Kap. 394. L-atturi appellanti ma humiex jikkontestaw il-fatt li l-ilment tas-Supretendent Rizzo kif migjub quddiem l-imsemmi Tribunal kien fondat; huma qed jikkontestaw biss id-decizjoni in kwantu jirrigwarda r-rimedju jew rimedji moghti jew moghtija b'dik id-decizjoni.

2. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk fil-fatt l-azzjoni kienetx fl-ewwel lok proponibbli minhabba l-fatt li kien sar il-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza quddiem it-Tribunal. L-ewwel Qorti kellha l-ewwel tiddeciedi dan il-punt, u mhux tiddecidieh kwazi bhala *an afterthought*, peress li, jekk kemm-il darba l-konvenut ghandu ragun fuq din l-eccezzjoni preliminari, ma kienx hemm lok li wiehed joqghod jidhol fil-meritu tal-kawzali u tat-talbiet attrici u fl-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenut.

3. Ma hemmx dubju li d-Dipartiment tal-Pulizija (u allura l-Kummissarju tal-Pulizija) hallas l-ispejjez tal-imsemmija kawza quddiem il-Tribunal. Dan jirrizulta mill-kopja tar-*remittance advice* datata 21 ta' Mejju, 1999 u ezibita a fol. 74 ta' l-atti ta' din il-kawza. Dana l-fatt, pero`, ma jgibx il-konsegwenza li qed jippretendi l-konvenut appellat, u dan ghal raguni wahda u semplici. Din il-kawza ma hix kawza per via ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal. Bic-citazzjoni taghhom l-atturi b'ebda mod ma huma qed jitolbu – u anqas jistghu jitolbu – li jinbidel il-kap ta' l-ispejjez tad-decizjoni tat-Tribunal. Fi kliem iehor, l-istanza mibdija mill-attur quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' att ta' citazzjoni, ma tikkostitwixxix, u kwindi m`ghandhiex titqies bhala procedura ta', appell. Fil-fatt u kif diga` inghad decizjoni moghtija skond il-ligi min-naha tat-Tribunal lanqas ma hija appellabbli. Il-posizzjoni kienet tkun differenti fil-kaz li kellu jirrizulta li qabel jew fil-mori ta' dan l-appell quddiem din il-Qorti l-appellant Kummissarju hallas l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza. Dan pero` m`huwiex il-kaz u ghalhekk l-effetti tal-artikolu 228 (1) tal-Kap. 12 ma jiskattawx billi m`humiex applikabbli fil-kaz in ezami. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkondividi r-ragunament ta' l-ewwel Qorti meta din, fis-sentenza taghha, qalet li *"…huwa esegwixxa w adirixxa*

*ruhhu mal-istess sentenza rigwardanti l-ispejjez tal-kawza, li d-decizjoni dwarhom ittiehdet certament a bazi tar-rakkomandazzjonijiet hemm indikati, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward din l-azzjoni ta' l-attur hija mproponibbli, stante li giet pregudikata mill-istess attur anke qabel l-istituzzjoni taghha."* Galadarba ma hemmx – ghax ma jistax ikun hemm – appell mill-meritu, cioe` mill-fatt li l-konvenut Rizzo kien sofra ngustizzja, l-ispejjez kienu dejjem dovuti. Ghalhekk dina l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut appellat kellha tigi michuda mill-ewwel Qorti; u peress li dana ma sarx u peress ukoll li l-appellat ghadu jinsisti fuqha, din il-Qorti serja hi tirrespingi dina l-eccezzjoni bhala infondata.

4. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-meritu ta' l-appell. Kemm fic-citazzjoni taghhom kif ukoll fir-rikors ta' appell, l-atturi appellanti jikkontendu li d-decizjoni tat-Tribunal tas-16 ta' Marzu, 1999 kienet **(a)** tivvjola l-Artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni. Jikkontendu wkoll li d-decizjoni hija *ultra vires* u nulla ghax **(b)** ma haditx kont (konformement ma dak li jirrikjedu l-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 394) tal-"ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode" li kienu fis-sehh jew fil-waqt ta' l-att jew omissjoni lamentata mill-persuna li tkun irrikorriet quddiem it-Tribunal jew fid-data tar-rakkomandazzjoni ghar-rimedju kompensattiv; u jikkontendu wkoll li t-Tribunal **(c)** ma setax jaghti kemm rimedju kompensattiv kif ukoll kumpens fi flus.

5. Tajjeb li f'dana l-istadju wiehed jara dwar liema ligi jew ligijiet wiehed qed jitkellem. L-Att VIII ta' l-1997 kien intiz biex jipprovdi principalment zewg affarijiet: (i) l-accertament minn tribunal appozitu ta' jekk persuna, f'perjodu partikolari, kienitx *"…garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika [l-Att]"* dwar, fost affarijiet ohra, *"hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici"*; u (ii) biex jipprovdi rimedju jekk jinstab li persuna tkun sofriet tali ingustizzja. Issa, huwa veru li l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jipprovdi,

fost affarijiet ohra, li s-setgha li jaghmel hatriet ghal karigi ufficjali (fosthom dik ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija) hija tal-Prim Ministru li pero` ghandu jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (u l-Artikolu 115 tal-istess Kostituzzjoni jaghti certa protezzjoni lill-istess Kummissjoni minn proceduri legali); pero` l-ilment ta' l-appellat Rizzo quddiem it-Tribunal ma kienx dirett kontra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[3] izda kontra l-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu dan, fir-rakkomandazzjonijiet ta' promozzjoni li ghamel lill-istess Kummissjoni, ripetutament qabzu (cioe` qabel lill-istess Rizzo). In fatti fid-decizjoni tat-Tribunal (ara l-kopja a fol. 7 *et seq.* ta' l-atti), jinghad hekk:

***"Meta reggha xehed [l-ex Kummissarju tal-Pulizija Alfred Calleja] fil-5 ta' Ottubru, 1998 dwar l-ittra tat-2 ta' Awissu mibghuta minnu lil PSC dwar rakkomandazzjonijiet ghall-promozzjoni qal li ma jafx ghaliex ir-rikorrent ma kienx rakkomandat. Dwar l-ittra tas-16 ta' Awissu, 1998 ukoll mibghuta minnu lil PSC dwar promozzjonijiet, gharaf il-firma tieghu fuq l-ittra izda zied li "mhux jien kont li fformulajt din l-ittra…nghid fic-certezza li ma fformulajtiex jien…" Ma ftakarx li kien iddiskuta l-protion*** **[recte: promotion]** ***exercise tal-1990 mas-sur Mifsud Tommasi. Zied li kienet il-prassi li mir-rank ta' spettur 'l fuq esercizzju bhal dan jigi diskuss mal-Ministru tal-gurnata flimkien ma' l-ufficjali gholja tal-pulizija."***

6. Kwantu ghar-rimedju jew rimedji li jista' jipprovdi t-Tribunal, hemm il-paragrafi (c) u (d) tas-subartikolu (9) u s-subartikolu (11) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 394:

***"(c) Meta t-Tribunal jaqta' li lment ikun gustifikat kollu kemm hu jew f'parti minnu, dan ghandu jirrikmanda, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv, b'gharfien[4] tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet***

[3] Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tidher li hiha "persuna" li ghalija l-Att VIII ta' l-1997 jista', f'certi cirkostanzi, japplika – ara l-Artikolu 5(3)(b) u t-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 394.
[4] "…bearing in mind…" fit-test Ingliz.

***ta' l-Estacode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni.***

***(d) Meta, skond dawk il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode ma jkunx possibbli li t-Tribunal jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista' jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens li f'ebda kaz m'ghandu jeccedi l-ammont ta' hamest elef lira.***

***(11) Ikun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet."***

Mill-atti tal-kawza, u senjatament mid-Dokument GG12 (fol. 69) jirrizulta li l-Prim Ministru, permezz ta' OPM Circular No. 4/98 tat-28 ta' Jannar, 1998, hareg struzzjonijiet generali dwar kif ghandhom jigu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal (li jammontaw, ghalhekk, ghall-"proceduri" u "direttivi" imsemmija fis-subartikolu (11)). F'din ic-cirkolari, fil-paragrafu 2 taghha, jinghad espressament hekk: *"In those cases where the implementation of a Tribunal recommendation may not be feasible, the Department or organisation concerned is expected to refer the case back to the Management and Personnel Ofice, with a detailed explanation as to why the Department / organisation has reached such a conclusion".*

7. Il-Qorti tigi issa ghall-ilmenti **(a)**, **(b)** u **(c)** imsemmija aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tara xejn inkompatibbli jew kontradittorju bejn id-decizjoni tat-Tribunal (li l-parti dispozittiva taghha hija riportata fil-bisu ta' din is-sentenza) u l-Artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni. F'dan is-sens, ghalhekk, anqas jista' jinghad li l-istess decizjoni hija *ultra vires* il-poteri ta' l-istess Tribunal. Kulma tghid id-decizzjoni (wara li deccidiet li l-ilment tar-rikorrent Rizzo kien gustifikat u riferibbilment ghal rimedju kompensattiv) hu li <u>tirrakkomanda</u> li huwa jigi

promoss ghal Assistant Kummissarju b'effett retroattiv[5] u li jithallas is-salarju lilu dovut kanfacjenti ghal dan ir-rank. Ghal din il-Qorti hu evidenti li s-salarju li ghalih qed jirreferi t-Tribunal huwa dak is-salarju ta' Assistent Kummissarju (b'effett retroattiv) jekk u meta tali promozzjoni ssehh, ghax wiehed ma jistax jithallas salarju ta' posizzjoni partikolari fis-servizz pubbliku jekk ma jkunx jokkupa dik il-posizzjoni. Bhala alternattiva, u allura jekk ma jinghatax il-promozzjoni b'effett retroattiv u allura anqas jithallas is-salarju lilu dovut, ghandu jinghata l-massimu tal-kumpens stabbilit fil-ligi, u cioe` il-hamest elef lira. B'tali decizjoni ma jfissirx li t-Tribunal b'xi mod uzurpa l-funzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew tal-Prim Ministru. Tali decizjoni tfisser biss li d-Dipartiment koncernat – f'dan il-kaz id-Dipartiment tal-Pulizija – kellu, konformement ma' OPM Circular No. 4/98, jibda l-procedura normali biex persuna tigi promossa ghal kariga partikolari, u cioe` billi jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu, ikun hemm il-verifika tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru[6], u kollox imur ghand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, biex din jekk tkun tal-fehma li ghandha hekk taghmel ir-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru, taghmilha. Jidher li d-Dipartiment tal-Pulizija sab diffikulta` biex jimplimenta r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ghax fiz-zmien immedjatament wara l-ghoti tad-decizjoni ma kien hemm ebda vakanza fil-grad ta' Assistent Kummissarju fil-Korp tal-Pulizija, u ghalhekk l-allura Kummissarju kiteb (skond ic-cirkolari aktar 'l fuq imsemmija) lill-*Management and Personnel Office* fl-Ufficju tal-Prim Ministru u qallu *"…unless I am directed to increase the number of Assistant Commissioners to eight I cannot implement the Tribunal's recommendation as far as the promotion is concerned"*[7]. X'ghamel il-*Management and Personnel Office* in segwitu ghal din l-ittra ma jirrizultax mill-process, pero` anqas huwa relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza.

---

[5] Id-decizzjoni ma tghidx kemm ghandha tmur lura l-hatra, u dan forsi huwa difett, pero` din il-Qorti mhux ser tippronunzja ruhha f'dan ir-rigward peress li ma hemmx ilment specifikatament fuq hekk.

[6] Ara l-ittra tas-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-14 ta' Lulju, 1999 indirizzata lill-konvenut appellat, fol. 49 tal-process.

[7] Dok. GG2, fol. 46.

8. Kwantu ghall-ilment ossia aggravju ta' l-appellanti li fid-decizjoni tieghu it-Tribunal ma hax kont tal-"ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode" relevanti u applikabbli ghall-kaz, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Imkien fil-Kap. 394 ma hemm xi haga li, direttament jew indirettament, tobbliga lit-Tribunal li, fid-decizjoni tieghu <u>isemmi *expressis verbis*</u> il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode li tkun hadet in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet taghha. Il-Kap. 394, fil-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 7, jitkellem biss dwar *"…<u>ghandu jqis</u> il-ligijiet etc"* ("shall take into consideration…" fit-test Ingliz) ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu (b), u *"…b'gharfien tal-ligijiet etc"* ("bearing in mind…" fit-test Ingliz) ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu (c). Il-fatt li t-Tribunal, fid-decizjoni tieghu, ma kkwotax, kif jghidu bl-Ingliz *chapter and verse* minn xi ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode ma jfissirx, kif qed jippretendu l-appellanti, li huwa ma hadhomx in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni tieghu. Apparti minn hekk anke l-istess appellanti, fir-rikors ta' appell taghhom, ma jispecifikawx x'ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode qed jippretendu li jaraw imsemmija specifikatament fid-decizjoni – ara l-paragrafu tar-rikors ta' appell enumerat 2.1.2. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

9. Kwantu ghall-ilment **(c)**, u cioe` li r-rimedju kompensattiv u dak fi flus jeskludu wiehed lill-iehor u "ma jistghux jinghataw kumulattivament" (ara l-paragrafu enumerat 2.1.3), din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellanti, <u>pero` anqas ma taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn din donnha fehmet li l-kumpens ta' hamest elef lira hu jew jista' jkun alternattiv ghal **parti biss** tar-rimedju kompensattiv</u> (cioe` ghall-hlas tas-salarju). Din il-Qorti diga fissret, fil-paragrafu 7 ta' din is-sentenza, kif necessarjament ghandha tifhem id-decizjoni tat-Tribunal ghal dak li jirrigwarda rimedju. Il-Qorti tifhem li jekk il-legislatur ried li min ikun sofra ingustizzja jkollu rimedju, ried ukoll u necessarjament li tali rimedju jkun wiehed <u>effettiv</u>. Inoltre, ligi ghandha dejjem tigi interpretata b'mod li l-aktar taghmel sens, u certament mhux b'mod li tohloq aktar

problemi milli ssolvi. Hekk, per ezempju, il-kelma "jordna" fil-paragrafu (d) ghandha necessarjament tiftiehem fis-sens ta' "jirrakkomanda", u dan biex tkun konformi kemm mal-paragrafu (c) u aktar u aktar mas-subartikolu (11). Jekk wiehed jara sew il-paragrafi (c) u (d) tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 394 isib li fil-paragrafu (c) hemm l-espressjoni *"bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu".* Din l-espressjoni, biex ikollha xi sens (u ghax ir-regola hi wkoll li l-legislatur ma juzax kliem fil-ligi ghal xejn), necessarjament tfisser li b'zieda mar-rakkomandazzjoni li jinghata rimedju kompensattiv jista' jkun hemm ukoll <u>l-alternattiva</u> tal-kumpens f'somma determinata ta' flus (li pero` ma tistax teccedi l-hamest elef lira). Kieku kien mod iehor kien ifisser li jekk it-Tribunal jirrakkomanda biss rimedju kompensattiv u din ir-rakkomandazzjoni ma tkunx, ghal xi raguni, tista' titwettaq mid-Dipartiment koncernat, il-persuna li sofriet l-ingustizzja tibqa' bla rimedju. Pjuttost din il-Qorti tara li l-paragrafi (c) u (d) jistabilixxu bejniethom gerarkija ta' preferenzi: idealment ghandu jkun hemm ir-rimedju kompensattiv (*"redress in kind"*); pero` jekk ir-rakkomandazzjoni ghal dan ir-rimedju ma tkunx tista' titwettaq jew jekk it-Tribunal mill-ewwel jara li mhux possibbli li jkun hemm dan ir-rimedju kompensattiv, allura jidhol fix-xena l-kumpens f'somma determinata ta' flus. F'dan is-sens, ghalhekk, din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li ma hemm xejn irregolari jew *ultra vires* fid-*decide* tad-decizjoni tat-Tribunal.

10. Aggravju iehor ta' l-appellanti – migjub fil-paragrafu 2.1.4 tar-rikors ta' appell – hu bazikament fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal kienet "inezegwibbli objettivament" u per konsegwenza kienet nulla. In fatti l-appellanti jghidu testwalment: *"L-inesegwibilita` f'dan il-kuntest ghalhekk iggib in-nullita` ghax tkun tfisser li inghatat decizjoni oltre l-parametri stabbiliti fil-ligi".* Fuq dan l-aggravju din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tghid aktar milli diga qalet fil-paragrafu precedenti (cioe` fil-paragrafu 9) ta' din is-sentenza. Id-decizjoni tat-Tribunal hija ezegwibbli jekk mhux fl-ewwel parti taghha, fil-parti alternattiva.

11. L-ahhar zewg aggravji ta’ l-appellanti ma hemmx hafna xi tghid dwarhom. Huma jilmentaw li l-ewwel Qorti laqghet ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut appellat “minghajr ma ttrattatha jew investietha fil-konsiderandi”. F’certu sens l-appellanti ghandhom ragun. Pero` mill-banda l-ohra din is-suppost “eccezzjoni” ma kienet fir-realta` eccezzjoni xejn izda pjuttost argument in sostenn tal-eccezzjonijiet l-ohra li kienu jghidu, bazikament, li t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk dana l-aggravju ser jittiehed in konsiderazzjoni biss ghal dak li jirrigwarda l-kap ta’ l-ispejjez. L-ahhar aggravju – migjub fil-paragrafu enumerat 3 – hu fis-sens li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti kien fiha kontradizzjoni peress li *“…d-decizjoni tat-Tribunal tqieset bhala semplici rakkomandazzjoni [ghall-iskopijiet tal-konformita` o meno mal-Kostituzzjoni] mentri ghall-iskopijiet ta’ l-eccezzjoni dwar l-akwiexxenza din tqieset bhala ‘sentenza’ li jekk wiehed isegwi parti minnha jitlef id-dritt li jimpunjaha”*. Peress li l-aggravju rigwardanti l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat quddiem l-ewwel Qorti ser tigi deciza favur l-appellanti, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tidhol f’dana l-aggravju.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut (cioe` dwar l-improponibilita` tal-azzjoni minhabba hlas ta' l-ispejjez tal-kawza quddiem it-Tribunal) u minflok tirrespingi dik l-eccezzjoni, kif ukoll thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-parti wahda minn hamsa (1/5) mill-konvenut appellat u r-rimanenti spejjez ghandhom jigu sopportati mill-atturi appellanti solidament bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------